KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 56** **Tlieta 7 ta' Frar 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
George Borg – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Keith Cassar - Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Borg u Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Borg u Bonnici.

Fis 6:20pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara l-*item* 56.5.2 Quarterly Report No: 4 – Ottubru sa Diċembru 2022.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 55**

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**

Dwar L/576/2020/1 Acquisition of Land upgrading of Triq Durumblat Mosta, s-Sindku nforma li għad ma rċevejniex stima mil-Lands.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad trid tirċievi dikjarazzjoni mil-accountant, kif wkoll qed taħdem fuq ir-rapport ta' tlett snin, u l-*financial feasabilty study.*

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Is-Sindku nforma li ma Tal-Ġeneral Co. Ltd wasalna fi ftehim biex nagħlqu l-arbitraġġ billi nħallsu €250,000, u li dawn jitħallsu fi żmien ħames snin mingħajr interessi. L-ewwel pagament ta' €50,000 ikun pagabbli din is-sena u jkunu hemm erbgħa pagamenti oħra ugwali ta' l-istess ammont għas-snin 2024 sa l-aħħar sena 2027. Bħala spejjez tal-Arbitraġġ ser jinqasmu nofs bin nofs, liema somma hija ta' €1,963.79c.

Is-Sindku nforma li apparti is-somma ta' €200,000 li kien qed jagħmel *claim* għalih Tal-Ġeneral Co. Ltd, kien hemm ammont sostanzjali f'imgħaxijiet ta' ħdax il-sena, li kienu ser jammontaw għal madwar €176,000 addizzjonali. Kieku kellna nitilfu l-arbitraġġ bl-interessi b'kollox dan kien jammonta għal €376,000.

Rigward PAMA, is-Sindku fakkar li minħabba s-saqaf tal-ġnien ta' Mlit, li l-PAMA ma jridx jaħdem fuqu, opzjoni oħra hija li dan il-ġnien napplikaw bħala *Community Greening Grant* ma Projects Green (PG), u jekk nikkwalifikaw għal din il-*grant* bħala Kunsill allura l-PAMA jagħmel ġnien ieħor jew proġett ieħor li l-Kunsill jipproponi.

Project Green bagħtu lill-Kunsilli kollha biex japplikaw għal-aktar ħdura fil-lokalitajiet, fejn il-Kunsilli jistgħu japplikaw għal kemm proġett jridu. Wara li jkunu sottomessi l-proġetti l-evalwazzjoni ssir b'sistema ta' punti, u l-ewwel proġetti li jammontaw l-akbar ammont ta' punti għas-somma ta' €10,000,000 jidħlu f'din l-ewwel skema. L-applikazzjoni trid tkun sottomessa sat-28 ta' Frar f'nofsinhar.

Is-Sindku ssuġġerixxa li sakemm jkunu evalwati l-proġetti, l-PAMA ninfurmawhom biex jistennew ftit ieħor, sakemm naraw jekk ġnien ta' Mlit jirnexxilnhiex nagħmluh b'fondi oħrajn, u jekk iva l-PAMA ninfurmawh biex nagħmlu proġett x'imkien ieħor.

Il-membri preżenti qablu biex ninfurmaw il-PAMA biex jistenna ftit, sakemm naraw jekk ġnien ta' Mlit nistgħux nagħmluh b'fondi ta' Project Green jew b'fondi oħra.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li issa triq Difiża Ċivili ngħalqet kompletament, fejn it-Traffic Management Committee għamel traffik maniġment temporanju biex Fort *street* tkun *two-way*.
Bħala *deadline* ta' meta ser jitlestew ix-xogħolijiet ġiet mressqa għass 16 ta' Frar minħabba l-maltemp u minħabba li nstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kull *works order* li ma tkunx mibdija sal-ġurnata tal-egħluq il-kuntratt, xogħolijiet ma jistgħux jsiru wara. Għalhekk kif jiskadi l-kuntratt tiġi mibgħuta ittra li tħassar il-*works orders* li ma jkunx sar xogħol dwarhom.

Rigward l-44 toqba tal-pjazza, is-Sindku nforma li Philip qal li toqob b'kollox hemm 47, u l-kuntrattur qed jgħid li ħadem fuq 44 waħda. Il-kont xorta għadu mhux ċar u jrid jiġi diskuss mall-kuntrattur u mall-perit.

**REF: 46.5.4 Ġnien George Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**
Is-Sindku nforma li fil-Ġnien 15 ta' Ottubru is-sistema tad-dawl ilha snin ma taħdem u dan il-ġnien ilu mitfi snin, ħlief għal parti żgħira minnu fejn saret mill-Kunsill ftit żmien ilu. Is-Sindku qal li ser jinġabru kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol kollu tad-dawl neċessarju biex il-ġnien jixgħel kollu kemm hu. Is-Sindku qal ukoll li l-materjal neċessarju kollu ser jixtrih il-Kunsill.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza/Constitution/Main Str – Timed Parking**
Is-Sindku nforma li s-*survey* lest, issa kemm jiltaqa' t-Traffic Management Committee biex jkun diskuss it-*timed parking.*

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut wara li nħarġitlu l-ittra legali, għalhekk issa s-Segretarju Eżekuttiv ħa titkellem ma l-avukat tal-Kunsill, biex naraw kif ser nipproċedu.

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ fil-Housing Estate**
Is-Sindku nforma li t-tindif lest, fadal is-*soft landscaping* kif wkoll dak ta' Vjal il-Qalbiena Mostin.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions Vjal Indipendenza/Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li nbeda l-proċess ta' esproprjazzjoni fuq din l-art tal-*junction* li tinsab f'tarf Triq il-Kbira kantuniera ma Vjal l-Indipendenza. Din l-esproprjazzjoni hija mportanti biex ikun hemm viżibilità għal min ikun ħiereġ fil-*junction* mill-Blata l-Għolja.

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk tistax issir *zebra crossing* quddiem l-Army Surplus fi Triq San Pawl tal-Qlejgħa. Is-Sindku nforma li hemm ma hemmx bankina u għalhekk minħabba sigurtà ma joħroġ permess biex issir *zebra crossing,* u għalhekk is-Sindku propona li issir *traffic calming measure,* u l-Kunsill ser japplika ma Transport Malta (TM) għal *sleeping police* oħra li twaħħlu fi Triq il-Kbira. Semma wkoll kif l-istess hemm bżonn fi Triq il-Bażilika minħabba sewqan eċċessiv u diversi talbiet tar-residenti.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li għad jrid jibgħat l-post preċiż ta' triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u s-Segretarju Eżekuttiv fakkret li kellna nagħtu risposta sal-Ġimgħa 9 ta' Diċembru.
Dwar lokalitajiet oħra ta' Bring-In-Sites, is-Sindku nforma li kien hemm residenti li talbu li jkun hemm *set* fil-Housing Estate.

Il-Kunsillier Zerafa ssuġerixxa biex jkun hemm *bring-in-site* fi triq Ta' Bistra għax ma jidħolx l-iscammel taż-żibel.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-lista tas-*summer break time,* fejn ma jistax jsir skavar u demolizzjoni mil 15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru skond l-Avviż Legali 295 tal-2007, segwit minn SL 552 tal-2009. Kif wkoll ma jistax jsir xogħol ta' kostruzzjoni fi Ħdud u festi.

Dawn huma t-toroq fil-Mosta, li qegħdin proposti li jkunu ntrodotti fil-lista tas-*Summer Break Time,* u dawk mmarkati b'kulur blu huma tibdil mill-lista li l-Kunsill ressaq u approva waqt l-laqgħa Numru 50 biex jkunu parti mis-*Summer Break Time,* u għalhekk din il-lista aġġornata ser terġa' tintbagħat lil MTA bħala l-lista finali approvata mill-kunsill.

- Parti minn Triq il-Kurat Schembri (Pedonali)
- Parti minn Triq it-Tama (Pedonali)
- Pjazza 16 ta' Settembru;
- Pjazza San Anard;
- Pjazza tal-Mosta;
- Trejqet il-Ħanqa;
- Triq Avertan Fenech;
- Triq il-Bażilika sa kantuniera ma triq il-Ħtajriet;
- Triq il-Kbira sa kantuniera ma Vjal Indipendenza;
- Triq il-Kostituzzjoni sal bidu tal-pont;
- Triq il-Kungress Ewkaristiku sa triq Anġlu Gatt;
- Triq il-Kurat Calleja (Pedonali);
- Triq il-Parroċċa (Pedonali);
- Triq il-Lunzjata (parti Pedonali);
- Triq Mons. Bezzina;
- Triq San Ġwann;
- Triq ta' Bistra (viċin il-Katakombi Ta' Bistra);
- Triq Wied is-Sir u parti min triq il-Pont;
- Triq it-Torri;
- Triq l-Isperanza (min tarf Triq il-Kbira sal-Kappella ta' l-Isperanza);
- Triq Nicolo Isouard;
- Triq il-Ġnejna;
- Triq Dun Mikiel Xerri;
- Triq Tabib Chetcuti sa triq Salvu Dimech;
- Triq Salvu Dimech.

Anness *Appendiċi A* li turi ż-żona mmarkata fuq pjanta tat-toroq proposti mill-Kunsill li jkun fis-*Summer Break Time*.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku nforma li għad qed nistennew mil-Kunsilliera Cassar u Bonnici biex jibgħatu l-idejat, u reġa' stieden wkoll lil-membri l-oħra tal-Kunsill biex jibgħatu wkoll l-idejat tagħhom. Huwa propona li jsir Sotto Kumitat biex jaħdem fuq l-idejat ta' kif għandha tkun din l-applikazzjoni biex tkun tista' faċilment tintuża mir-residenti Mostin.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li hemm laqgħa għada ma Franck Franjou u l-Inġinier Ronnie Bezzina għaliex issa hemm bżonn li jkollna l-proposta preċiża tad-dawl propost, l-pożizzjoni ta' kif u fejn se jeħlu, jekk hux fuq il-pavimentar jew mal-ħitan, il-preparamenti għas-sistema tad-dawl kif ukoll stima. Dan huwa mportanti biex nkunu nistgħu nagħtu lil *Infrastructure Malta* l-pjan finali tas-servizzi proposti min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Gatt staqsa kif nistgħu nagħmlu biex id-dawl fi triq Kungress Ewkaristiku jiżdied.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li apparti li din hija triq arterjali, il-vultaġġ tad-dawl huwa skond ir-regoli tal-EU. Is-Sindku nforma li possibbiltà hija li dawl f'din it-triq jiddaħħal mad-dawl li qed jsir mid-diżinjatur Frank Franjou. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li bħala vultaġġ ta' dawl xorta ma jistax jiżdied.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma hemmx risposta mil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku nforma li l-fond li ħadna mill-LESA kien dejjem suġġett għal konsultazzjoni minħabba s-sensittivita ta' dan il-proġett. Il-Kunsill ikkonsulta ma' l-ERA rigward il-proġett tad-dawl ta' taħt il-pont u r-risposta kienet negattiva minħabba l-wied u l-abitat naturali, kif wkoll minħabba l-bijodiversità tal-post, u għalhekk irridu nitkellmu mas-CEO tal-LESA biex naraw fejn nistgħu nużaw parti mill-fondi fi proġett ieħor.

**REF: 52.5.5 Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Sindku nforma li għad-dawl ta' fuq il-pont ma hemmx problemi biex jsir dan il-proġett. Issa Infrastructure Malta (IM), ser jaslu għal fażi tax-xogħolijiet tat-triq ta' fuq il-pont. Għalhekk IM jridu pjanta jew dettal mingħand il-Kunsill biex jiġu installati il-pajpijiet tad-dawl neċessarji taħt l-art u l-*anchor bolts* li magħhom iridu jeħlu l-fanali. *Civil works* ser isiru minn IM.

Is-Sindku kompla jgħid li kellu laqgħa ma IM, fejn talbu biex meta jsir l-*abseiling* ma jorbtux mal *crash barrier* minħabba sigurtà, u għalhekk talbu biex ninfurmaw l-iscouts biex issir xi *bollard*/ħadida li tiddaħħal fil-bankina biex jorbtu magħha meta jsir l-*abseiling.* Din trid tiġi nstallata mill-*iscouts* b'ċertifikat minn *Health & Safety Officer* u bi qbil ma IM fejn ser teħel biex ma ttellifx in-nies li jkunu qed jippassiġġaw fuq il-bankina.
Is-Sindku nforma li ser jitkellem mal-Kunsillier Cassar biex issir laqgħa ma l-iscouts fuq il-post.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-emenda tat-test tal-abbozz legali bil-Malti u bl'Ingliż lesti, u fadal *checklist* li trid timtela dwar SME's u GDPR, u dettalji oħrajn.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li ltaqa mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu, li kien il-persuna li ssuġġerixxa fejn għandhom jsiru il *bicycle racks*, u għandhom jiltaqgħu biex jiddiskutu.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li hemm toroq bħal Triq Camillo Sciberras, Sir Temi Zammit, Dawret il-Hanqa li huma toroq li diffiċli jsir *patching* fihom minħabba l-ammont ta' ħofor li hemm. Is-Sindku ħa jitkellem ma Infrastructure Malta (IM), biex jara jekk jistgħux jagħmlu imqar saff tarmak. Hawn ċertu toroq bħal dawn li lanqas huma mdaħħlin fil-pjan ta' tlett snin li l-Kunsill issottometta lil IM minħabba li l-ammont ta 45,000 metru kwadru ta' toroq proposti fi tlett snin kien milħuq. Is-Sindku żied jgħid li bħala toroq IM ser jibdew min Tarġa Gap: triq it-Trinkatur, triq il-Kissier u triq l-Iżmarratur. Wara ser jitkompla x-xogħol fiż-żona ta' Santa Margerita: triq Santu Rokku, triq il-Kartaġiniżi, triq l-Imsaqqfien, triq Feniċi u triq il-Bwieqi.

**REF: 53.5.7 Update Traffic Management Plan**
Is-Sindku nforma li ma li *sleeping police* li saru fi Triq il-Kbira, ħa nżidu *sleeping police* fi Triq San Pawl tal-Qlejgħa u tnejn fi Triq il-Bażilika ma l-applikazzjoni ta' Transport Malta flimkien ma dawk li saru fi Triq il-Kbira.

**REF: 54.3.6 Tender ta' Skart Reġjonali**
Dwar il-ġabra addizzjonali tal-kartun, is-Sindku nforma li r-reġjun għadu qed jiddiskuti biex possibilment ikun hemm talba ta' varjazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**REF: 54.4.4 UPDATE HARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija fit-23 ta' Frar ġewwa l-arkivji nazzjonali r-Rabat.

**REF: 54.5.6 KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender qiegħed għar-reviżjoni tad-DLG.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kumitat beda l-evalwazzjoni, fejn is-Sindku għandu jibgħat il-lista tal-*financial bids* li offrew il-*bidders,* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u dan it-tender jkun finaliżżat.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku nforma li l-MicaMed għadu ma rrispondiex dwar x'fanali hawn fis-suq li huma *vandal proof.* Is-Sindku talab biex issir laqgħa mal-MicaMed.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dokument tat-tender ġie f'finalizzat, u d-dokumenti ntbagħtu lil-Kunsilliera fl-1 ta' Frar għal-*feedback* tagħhom biex jkun approvat fil-laqgħa tal-lum.

Il-membri preżenti nformaw li għadhom ma rawx id-dokumenti. Is-Sindku nforma biex jkun ippublikat dan it-tender, jekk ħadd mil-Kunsilliera ma jibgħat l-ebda *feedback,* sas- Sibt 11 ta' Frar.

**REF: 54.5.14 Permessi Scaffoldings**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-email li fiż-żmien konna rċevejna mid-DLG biex nirrifondu €400, intbagħtet lil Kunsilliera fis 16 ta' Jannar.

**REF: 54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**
Is-Sindku ppreżenta d-disinn *(Appendiċi B),* u l-BOQ li tammonta għal €182,831.09 bla VAT, u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Perit tal-Kunsill ikkordinax ma l-entitajiet minħabba s-servizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tistaqsi l-Perit tal-Kunsill.

Il-membri preżenti approvaw il-BOQ skond il-pjanta l-ġdida.

Madankollu is-sindku ġibed l-attenzjoni li dan il-BOQ jidher li huwa ibbażat fuq prezzijiet li il-kuntrattur *Elles Urban Services* għandu mal-kunsill. Is-Sindku qal li l-BOQ għandu jiġi maħdum fuq prezzijiet kurrenti għax dawn il-prezzijiet tal-kuntrattur attwali *Elles Urban Services* jirrelataw għal kuntratt antik, liema kuntratt issa ser jiskadi f'April li ġej. Sar qbil li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jagħmlu laqgħa mal-perit tal-kunsill rigward dan il-punt u biex wara jiġi rivedut il-BOQ.

**REF: 55.3.1 Laqgħa Pubblika mal-Entitajiet Kummerċjali u Residenti**
Is-Sindku nforma li is-Sibt 11 ta' Frar tagħlaq is-sottomissjoni mir-residenti u entitajiet kummerċjali biex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom. Għalhekk nhar is-Sibt 11 ta' Frar fil-11:00am, it-Traffic Managment Committee (TMC) ser jkun preżenti, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ser jsir reġistrazzjoni ta' kemm waslu ittri u imejls. Wara dawn jingħaddu lit-TMC għal evalwazzjoni tagħhom.

Is-Sindku nforma li dawk l-ittri u imejls li ma jkollomx isem, kunjom u numru tal-karta ta' l-identità mhux ser jitqiesu validi, skond l-avviż li nħareġ mil-Kunsill fil-gazzetti lokali, liema avviż ntbagħat wkoll bil-posta lir-residenti u entitajiet kummerċjali u kien maqbul unanimament waqt laqgħa tal-Kunsill.

**REF: 55.4.1 Monti**
Dwar il-problema tal-monti li qed jiffaċċjaw ir-residenti, is-Sindku nforma li sar jaf min hu l-persuna li tirrapreżenta l-monti, u ħa jagħmel laqgħa miegħu l-ġimgħa d-dieħla.
Is-Sindku nforma li ser jipproponi biex il-monti li jarma fi triq Nicolo Isouard jersaq permanenti fi triq Patri Avertan Fenech. Il-monti imbagħad jkun, fi Triq il-Lunzjata, Pjazza 16 ta' Settembru u Triq Patri Avertan Fenech.

Il-membri preżenti qablu mas-suġġeriment tas-Sindku, b'hekk in-nies ma jkollomx għalfejn jaqsmu min naħa għal l-oħra b'ostaklu għat-traffiku fi Triq il-Kostituzzjoni. Kif propost il-monti jkun f'parti fejn hemm ftit li xejn residenti.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikaw tlieta biss.

**REF: 55.5.3 Appraisals**
Is-Sindku għad irid jikkonkludi l-appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 55.

**56.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**56.3.1 Animal Welfare 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li r-Reġjun Tramuntana għas-sena 2023 ser jassisti l-Kunsilli Lokali bis-somma ta' €2,000 fi proġetti għal benesseri tal-annimali, eskluża l-assistenza lill-*feeders.* Din is-somma tista' tintuża għal *neutering,* xelters, funtani ta' l-ilma u proġetti simili. Din l-iskema ta' fond tagħlaq fil 15 ta' Novembru 2023, u l-*invoices* jridu jaslu għand ir-Regjun Tramuntana sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2023.

**56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellha laqgħa ma lis-*Street Naming Committee* fejn infurmaw li ma ġietx aċċettata li Triq id-Dawr tinbidel fi Triq Freddie Micallef minħabba l-istorja marbuta maz-zona, u l-fatt li l-bdil ta' l-isem tat-triq ser taffettwa bosta residenti. Waqt din il-laqgħa ma lis-Street Naming Committee ġie diskuss il-possibbiltà li tinbidel parti min Triq id-Dawr.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu biex napplikaw biex il parti ta' triq id-Dawr li tidħol għalija min Vjal l-Indipendenza tinbidel għal Triq Freddie Micallef (*Appendiċi C*).

**56.3.3 Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr. Calvagna, Mons. Carabott u s-Sur Pawl.**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li f'laqgħa 42 kien ġie deċiż li Triq Stivala tinbidel u t'issemma għal Mons. Joe Carabott, kif wkoll biex Triq Bufula l-Ħamra tinbidel ukoll u t'issemma Triq it-Tabib Victor Calvagna. Peress li dak iż-żmien lis-*Street Naming Committee* kien wieqaf mill-proċess t'applikazzjonijiet, il-membri tal-Kunsill kienu qablu li din il-materja terġa tkun diskussa aktar il-quddiem, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil-membri preżenti jekk hux ħa tmexxi bl-applikazzjonijiet biex Triq Stivala tinbidel u t'issemma għal Mons. Joe Carabott, u biex Triq il-Bufula l-Ħamra tinbidel ukoll u t'issemma Triq it-Tabib Victor Calvagna.

Il-membri preżenti qablu biex napplikaw biex Triq Stivala tinbidel u t'issemma għal Mons. Joe Carabott, imma dwar Triq il-Bufula l-Ħamra m'għandhiex tinbidel għax issa hemm Ġnien msemmi għat-tabib Victor Calvagna.

Dwar triq għas-Sur Pawl, il-Kunsillier Deguara ssuġġerixxa li tinstab triq li t'issemma għalih. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li Triq il-Wied (mill-kantuniera ta' Kostituzzjoni sa tarf Wesgħat il-Plejju) t'issemma triq is-Sur Pawl (Spiżjar Paul Cuschieri).

**56.3.4 TAL-MAĊEDONJA**

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li l-applikazzjonijiet li l-Kunsill kien issottometta għal Triq l-Għassara, Triq ta' Srejġu u Triq ta' Piru ġew approvati min lis-*Street Naming Committee*. Dwar ta' Piru hemm triq tmiss magħha li hija triq bla isem u lis-*Street Naming Committee* talbu biex insibu isem, għalhekk il-Kunsillier Deguara nforma li parti min din iz-zona magħrufa għal tal-Maċedonja, u għalhekk issuġġerixxa li din it-triq bla isem li tmiss ma Triq ta' Piru tingħata l-isem Triq tal-Maċedonja.

Il-membri presenti approvaw l-isem Triq Tal-Maċedonja.

**56.3.5 KLMT 02-2023 Bulky Refuse Tender**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dokument tat-tender tal-Bulky Refuse ġie ffinalizżat u d-dokumenti ntbagħtu lil-Kunsilliera fl-1 ta' Frar għal-*feedback* tagħhom biex jkun approvat fil-laqgħa ta' llum.

Il-membri preżenti talbu li dan il-kuntratt jkun estiż b'sena għax qed jkollna servizz tajjeb ħafna, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li vera għandna servizz tajjeb, imma ma nistgħux nestendu fuq din ir-raġuni, u hemm bżonn li jinħareġ it-tender. Il-membri preżenti nssistew biex jkun estiż il-kuntratt kurrenti b'sena.

**56.3.6 Rigal bi Mħabba**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra, mil-Ono. Zerafa Civelli, liema dokument qed jiġi anness bħala *Appendiċi D*.

**56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt tal-Youth Worker Service jiskadi 31 ta' Mejju 2023. Il-membri preżenti talbu biex din il-materja terġa tittella' għal-laqgħa li jmiss, peress li l-Youth Empowerment Centre jaqà taħt id-dekasteru tal-Kunsilliera Bonnici.

Fit-8:45 il-membri preżenti qablu li ħin tal-laqgħa jkun estiż b'nofs siegħa sad-9:30pm.

**56.3.8 Project Green**
Is-Sindku nforma li l-ewwel proġett li ser nippruvaw napplikaw għalih jekk inlaħħqu għax l-applikazzjoni triq tidħol sat-28 ta' Frar sa nofsinhar huwa Ġnien Reġġie Cilia u l-madwar tiegħu, fejn hawn ser jintilef il-parkeġġ. Is-Sindku spjega li qed jipprova li ma din it-talba nġiebu parti mill-fondi tal-pavimentar għax il-Kunsill m'għandux biżżejjed fondi minħabba l-bankini li ser jsiru fil-pjazza. Is-Sindku ppreżenta pjanta li turi l-limiti tal-proġett propost *(Appendiċi E),* u kompla jispjega dan il-proġett u kif ser ikun iffinanzjat il-proġett.

Is-Sindku spjega li marbuta ma Ġnien Reġġie Cilia hemm bżonn wkoll napplikaw għat-*Timed Parking,* għax ma tistax timplimenta *green spaces* mingħajr ma jitnaqqas ammont ta' parkeġġ. F'dan il-proġett il-parkeġġ tat-triq ta' wara l-knisja kif ukoll mal-ġenb tal-knisja fejn illum hemm ħafna parkeġġ riservat ser jispiċċa. Dan li-ispazju kollu flimkien mat-trejqa ta' bejn il-*pitch* tal-boċċi u ġenb min tal-ġnien ser jispiċċa. Din iz-zona li ser napplikaw fuqha fiha 3087 metru kwadru. Is-Sindku żied jgħid li l-parkeġġ riżervat hemm bżonn jiġi studjat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm ċirkolari ta' kemm suppost ikun hemm parkeġġ riżervat għal kull entità u stqarret li l-ammonti fil-preżent huma ħafna aktar min dawk minimi. Is-Sindku kkonferma li t-*timed parking* huwa għal matul il-ġurnata u filgħaxija l-parkeġġ jkun għar-residenti bla ebda limitazzjonijiet. It-*timed parking* ser jagħmel tajjeb għat-telf ta' parkeġġ minħabba l-fatt li bit-*timed parking* qed iddawwar il-karozzi u b'hekk ma jkunx hemm karozzi jokkupaw parkeġġi ġurnata sħiħa. Anke l-SME's huma favur l-introduzzjoni tat-*timed parking.*

Saret diskussjoni u kien hemm nuqqas ta' qbil dwar it-tneħħija ta' parkeġġi avolja jkun hemm introdott it-*timed parking*. Is-Sindku talab biex jittieħed vot.

**Dawk FAVUR il-proġett:**

Sindku Perit Christopher Grech
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsillier Joseph Gatt
Kunsillier Aiken Zerafa
Kunsillier Mikhail Micallef
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsilliera Anna Galea

**Dawk KONTRA l-proġett:**

Kunsillier Frans Deguara

Il-membri favur il-proġett qablu biex napplikaw għal-proġett, fejn it-*timed parking* bħala ħin għad jrid jkun diskuss bejn il-membri tal-Kunsill, u li l-parkeġġ riservat jrid jitnaqqas għal dak minimu skond iċ-ċirkolari. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li skont il-lista ta' Transport Malta (TM) parkeġġ allokat lil-Kunsilli, Health Centres, Ambaxxati, Pulizija eċċ, huwa anqas min dak li hemm illum.

Il-Kunsilliera qablu wkoll li jekk ikun hemm żmien biżżejjed napplikaw ukoll bil-proġetti tar-*roundabout* ta' Cikku Fenech u l-*playing area* f'Ta' Mlit fuq il-ġibjun.

**56.3.9 Savewise**
Is-Sindku nforma li bgħat lill-*handyman* tal-Kunsill biex ineħħi u jressaq il-parkeġġ riservat għal arċipriet u l-uffiċju tal-arċipriet kif maqbul, u waqt li kien hemm tkellem mat-tifel ta' sid is-Savewise biex tiċċaqlaq il-*loading/unloading bay* biex ma tkunx fil-parti d-dejqa ta' triq il-Pont.

Għalkemm fil-Kunsill kien hemm min dejjem qal li din saret bla permess huwa stqarr li huwa ma ridtx joħloq polemiki, u t-tifel ta' sid is-Savewise qabel li titressaq *loading/unloading bay.* L-għada li beda jsir ix-xogħol biex tersaq il-*loading/unloading bay,* sid is-Savewise u t-tifel tiegħu ħarġu għall-ħaddiema jhedduhom kif ukoll hedded anke lis-Sindku fuq il-mowbajl, u għalhekk minħabba t-thedded gravi li ntqal ser jsir rapport l-għassa.

**56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti biex jibdew jippreparaw ir-Rapport Amministrattiv 2022 dwar id-dekasteri tagħhom. Il-laqgħa pubblika li jmiss issir għal ħabta ta' nofs April.

**56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**56.4.1 Tabella triq il-Pont**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm bżonn tinbidel it-tabella li hemm Triq il-Pont, għax residenti ma jkunux jistgħu joħorġu għax xogħol minħabba l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-Kunsillier Zerafa biex jitkellem mal-Kunsillier Borg, biex naraw kif irid ikunu l-ħinijiet fuq it-tabella.

**56.4.2 Facebook tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Zerafa fakkar li l-paġna ta' *Facebook* hija tal-Kunsill u mhux tas-Sindku. Is-Sindku nforma li jekk jtella li jkollu xi laqgħat, bil-fors jrid jikteb ismu. Saret kjarifika biex fil-futur jikteb 'is-Sindku kellu laqgħa' flok 'jien kelli laqgħa'.

**56.4.3 Earthquake Aid għat-Turkija**
Il-Kunsillier Gatt ressaq talba biex il-Kunsill jgħin fil-ġbir ta' ħwejjeġ u kutri għat-Turkija. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tara jekk is-sala hijiex disponibbli fit-12 u 13 ta' Frar.

**56.4.4 Bidnja – Ħaxix ħażin.**
Il-Kunsillier Gatt nforma li tkellem diversi drabi mal-kuntrattur tal-knis biex jinqata l-ħaxix ħażin li jinsab fit-tela' tal-Bidnija, kif wkoll jitneħħa l-ħaxix ħażin ta' mat-triq, mil-pont tal-Bidnija. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota. Is-Sindku nforma lill-Kunsillier Gatt biex l-ilmenti jgħaddihom lil l-staff skont il-proċeduri jew lilu u mhux jitkellem mal-kuntratturi dirett hu. B'dan il-mod ikun hemm proċedura.

**56.4.5 Ħarġa l-Parlament**
Il-Kunsillier Deguara nforma li għal ħarġa tal-parlament attendew 36.

**56.4.6 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar *deadline* biex il-Kunsilliera jibgħatu l-kitba tagħhom hija dal-*weekend* li ġej.

**56.5 Rapporti**
**56.5.1 Update - Development Funds as at 07.02.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**56.5.2 Quarterly Report No: 4 – Ottubru sa Diċembru 2022**
L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-figuri, u nforma li l-Kunsill fejn tidħol l-allokazzjoni qegħdin b'defiċit ta' €95,535.00, fejn l-allokazzjoni kienet ta' €1,713,038 filwaqt li l-Kunsill nefaq

€1,808,573. Id-defiċit ta' €95,535.00 ma jfissirx li l-Kunsill m'għandux flus imma tħallset mir-riservi tal-Kunsill liema riżervi jammontaw għal madwar €800,000. L-*accountant* fakkar li min din ir-riżerva tħallset ukoll is-somma ta' €142,108.48 inkluż il-VAT bħali parti mill-kont dovut lil *Infrastructure Malta* (IM) għax-xogħol ta' Triq il-Kbira kif ukoll l-ewwel pagament minn sensiela ta' ħamsa għall-ammont ta' €50,000 lil Tal-Ġeneral Co. Ltd għas-sena 2023.

Is-Sindku nforma li din is-somma €142,108.48 inkluż il-VAT li tħallset lil IM tħallset fuq il-kwotazzjonijiet oriġinali. Ix-xogħlijiet finali żdiedu kemm minħabba li anke żdiedu l-limiti sa fejn għamilna bankina tal-qawwi fosthom iż-żieda ta' parti minn Triq l-Isperanza kif ukoll biż-żieda ta' Sqaq Grech Mifsud. Dawn kienu diskussi u maqbula fl-laqgħat tal-Kunsill preċedenti u għalhekk is-Sindku nforma li dan il-kont mħallas mhux finali.

Dwar il-kawża Tal-Ġeneral Co. Ltd, is-somma ta' €250,000 ma kienitx allokata għax il-Kunsill qatt m'aċċetta l-*contesting liability* u li din is-somma issa hija dovuta. Is-Sindku qal li missu kien hemm somma *accounted for* għax qatt ma kien ser ikun il-każ li l-Kunsill ser jirbaħ il-każ b'tali mod u manjiera li l-Kunsill ma kien qatt se jħallas xejn. Ammont bħal dan iħarbatlek l-pjan ta' ħidma kollu. Stqarr li kien għalhekk li huwa nsista ma Tal-Ġeneral fl-*out of court settlement* biex dan l-ammont jitħallas fuq medda ta' ħames snin mingħajr interessi.

**56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**56.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 136.

**56.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**56.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**56.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Jannar 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**56.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' Marzu 2023 fis-6:00pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qabel is-7 ta' Marzu irridu nagħmlu laqgħa oħra li tista' ssir onlajn, biex ngħaddu l-Financial Statements u l-Management Letter.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa tas-7 ta' Marzu fl-*Agenda* kien ser ikun hemm primarjament l-update dwar it-*Traffic Management* propost mit-*Traffic Management Committee* wara li għalqet il-Konsultazzjoni Pubblika u tkun ġiet studjata u evalwata. Minħabba li dan l-item fl-*Agenda* żgur ser jieħu ammont ta' ħin għad-diskussjoni, sar qbil bejn

il-Kunsilliera li jekk ma tiġix eżawrita l-agenda tissejjaħ laqgħa oħra ta' kontinwazzjoni, liema laqgħa trid tissejjaħ fi żmien ġimgħa u għalhekk mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu.

Konfermati llum 7 ta' Frar 2023.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv